MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 966/2000/1

**Rita Zahra**

**vs**

**Patrick Xuereb**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 1998, u kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi anness bhala Dok 'A'.

Illi l-kontendenti sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt atti Nutar Joe Cilia, datat sebgha u ghoxrin t' Ottubru elf disa' mija disgha u disghin (27/10/99) u kopja tal-kuntratt relattiv qed jigi anness bhala Dok B;

Illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga a tenur tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg;

Illi inoltre l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu a tenur tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-istess Att dwar iz-Zwieg.

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju1998 huwa null u bla ebda effett bil-ligi;

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti huwa null u bla effett a tenur tal-Artikolu 19 (1) (f) u (1) (d) tal-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255) ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghar-ragunijiet l-ohra li jigu trattati waqt il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 12 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament l-esponent jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghal finijiet kollha tal-ligi ghalkemm mhux ghar-ragunijiet u allegazzjonijiet maghmula mill-attrici u li skond hi huma imputabbli lill-esponenti, izda ghar-ragunijet imputabbli lill-istess attrici *stante* li l-kunsens tal-attrici ma kienx validu u kien

ivvizzjat u dan ghal ragunijiet li ser jirrizultaw ampjament waqt il-mori tal-kawza;

2. Illi ghalhekk l-esponent qed jikkontesta l-allegazzjonijiet attrici w izid illi l-kunsens tieghu kien ivvizjat peress li inkiseb b' qerq u dan a tenur tal-artikolu 19(1) (c) tal-Kap 255;

3. Illi ghalhekk l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez;

4. Salv l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 13 u 14 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut tat-22 ta' Jannar 2001 fejn permezz taghha prezenta l-affidavit ta' Helen Xuereb (fol 15 sa 17).

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Yana Micallef Staface bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata dwar din il-kawza.

Rat in-nota tal-attrici tat-30 ta' Marzu 2001 fejn esebiet l-affidavit taghha stess (fol 20 sa 22).

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta' Gunju 2001 fejn permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu stess (fol 23 sa 31).

Rat il-verbali tat-18 ta' Gunju 2001, tas-26 ta' Novembru 2001, tat-22 ta' April 2002, tat-23 ta' Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u Dr Yana Micallef Stafrace halfet ir-rapport.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr Yana Micallef Stafrace (fol 37 sa 52)

Rat ir-rapport tal-Perit Legali (fol 55 sa 99).

Rat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn dehret Dr Joanna Vella Cuschieri ghall-konvenut li rrimettiet ruhha ghar-rapport tal-Perit Legali u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi l**-attrici** xehdet permezz ta' affidavit u *viva voce*. Fl-affidavit taghha xehdet li iltaqghat mal-konvenut meta kellha 16-il sena u hu kellu 21. Kienu jiltaqghu ghal ftit zmien fost il-gimgha u ftit aktar fit-tul fil-*weekend*. Hu kien johrog ukoll wahdu.

Illi t-tieg sar bla preparazzjonijiet kbar *da parti* tal-konvenut u ma kellhomx diskussjonijiet serji fuq iz-zwieg u t-tfal. Meta kienet tghidlu sabiex ikollhom it-tfal kien jghidilha li mhux matura ghaz-zwieg u ghat-tfal. Meta kien jispicca x-xoghol kien imur ghand ommu u gieli ma tarahx hlief filghodu. Hi kienet tispicca hafna drabi wahedha tistennih id-dar. Kien jippreparalha *time-table* ta' dak li kellha taghmel id-dar u hi kienet tibza' minnu peress li jerfa' jdejh.

Illi meta kien ikollhom x'jaqsmu kien iridha tixrob il-gin biex ma tinqabadx tqila u kien jeggakula 'l barra ghall-istess raguni. Kien ikollu rivisti pornografici u *films* pornografici u kien igieghela taghmel kif kienu qed jaghmlu fil-*films*. Kien johdilha l-paga u jtiha Lm10 fix-xahar u kienu jghinuha fuq ix-xoghol u l-genituri biex tkampa. Hi telqet mid-dar ghax bezghet minnu.

Illi *viva-voce* xehdet hekk:

*"Qed jinqrali l-affidavit tieghi u nikkonfermah.*

*Waqt l-gherusija l-konvenut kien jghidli li gej jarani f'xi hin u dejjem jigi tard sew u jmur kmieni lura d-dar. Nistaqsih ghaliex wasal tard u jghidli dejjem "bit-traffic". Meta kien jitlaq anki qabel ma jkun spicca l-film li qed naraw kien jghidli ghax sar il-hin.*

*Qabel iz-zwieg konna nohorgu flimkien izda ma konniex niddiskutu l-familja u kif ser nibdew din il-familja. Kien jghidli minhix tajjeb ghaz-zwieg.*

*D: Espert in materja: Ghaliex izzewigtu?*
*R: Ma nafx.*

*Jien hsibt li kien ser ikolli familja bhal haddiehor izda ma kienx tajjeb ghal familja. Kien jghidli mhux tajba biex inrabbi familja. Hu mohhu biex johrog hemm u johrog hawn. Darba kont prezenti meta ommi u missieri staqsewh meta ser ikollna tfal u hu kien qaleb id-diskors u ma wiegeb xejn.*
*Meta kien jghidli li jien mhux tajba biex ikolli familja mill-bidu kien tkellem hekk.*

*Qabel ma zzewigna qatt ma ddiskutejna fuq tfal. Wara kien jghidli li mhux tajba biex ikolli t-tfal. Kien jghidli jien tifla zzewwigt mhux mara. Il-flus hu kien iqassamhom. Kelli 21/22 meta zzewwigt. Qabel ma zzewwigna kont insarraf il-flus tal-paga jien u wara kien jaqsamhomli hu. Wara kien izomm ic-cheque w itini biss Lm10 fix-xahar. Jien qatt ma ghidtlu xejn. Kien jaqbad jirrabja. Wara z-zwieg kont insibni nieqsa. Ma kontx nfendi fuq Lm10. Meta kont nitolbu iktar flus kien ihallili Lm3 fil-kexxun u jghidli b'dan irrid infendi.*

*Naf li kellu films "blue" u kotba tax-xjaten u affarijiet simili minn barra u jigu bil-posta fuq ommi u missieri ghax lil ommu u missieru ma kienx irid jurihom li jixtri dawn l-affarijiet Ommi u missieri ma kienux jafu x'kien hemm fil-pakketti.*

*Ir-ragel dejjem kien …… barra meta jkollna x'naqsmu.*

*Xi tlett xhur wara z-zwieg gie jghidi li jrid "inpartu n-nisa" hu jmur ma mara ohra u jien ma ragel iehor.*

*Staqsejtu kienx serju u qalli iva izda jien ma accettajtx.*

*Ma nafx ghaliex izzewigtu. Issa nara li kien zball. Izzewwigt qisu bla hsieb. Kien qisu issa, ilna gharajjes u issa nizzewgu. Missieri u ommi kienu jghiduli li mhux tajjeb ghaz-zwieg ghax jigri 'l hemm u 'l hawn u mhux mohhu fija.*

*Qabel iz-zwieg mohhu biex imur bowling wahdu u l-ikliet tax-xoghol wahdu.*

*Wara z-zwieg baqa' xorta johrog wahdu. Jibqa' sas-1.00am. Jigi d-dar u jiehu shower.*

*Ahna kellna relazzjonijiet sesswali qabel izzewwigna. Hu dejjem jiffittani biex ikollna x'naqsmu anke meta nghidlu le sa fl-ahhar incedi.*

*Gieli anke sawwatni wara li zzewigna.*

*Hu tfal ma riedx. Dan kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. B'hekk qatt ma ghamilna pjanijiet biex ikollna."*

In kontro-ezami xehdet hekk:

*"Bowling darba mort mieghu ghax ma kienx iridni mmur mieghu. Din kienet ukoll l-uniku darba li mort ghall-lezzjoni.*

*Meta kont nistaqsieh biex immur mieghu Staff Party darba qalli le ghax irid inemmes. Fil-fatt hadni darba biss u bil-fors biex ma jismax tgergir u fil-fatt qaghad inemmes.*

*Jien izzewwigtu ghax inhobbu u ghax konna ghal hemm. Jiena kelli hafna dubji fih izda hsibt li l-affarijiet jinbidlu u jigi ghan-normal. Hsibt li jekk jizzewwegu jinbidel u fil-fatt ma nbidel xejn.*

*Baqa' dejjem li tghid ommu. Qabel iz-zwieg kien hemm ncident fuq min ser ihallas it-tieg. Ir-ragel kien qalli li l-post tieghu u b'hekk kelli nhallas ghat-tieg jien u l-familja. Fil-fatt wara rrizultali li mhux veru l-post tieghu izda ta' missieru. Dan biss indunajt fis-separazzjoni b'hekk ghalija ingannani biex inhallas ghat-tieg jien.*

*Missieri kellu jhallas xi affarijiet izda ma setax ghax waqaf mix-xoghol u staqsieni biex inhallashom jien. Il-konvenut ma riedx u beda jirrabja mieghi ghax cedejt lil missieri. Ippretenda tieg ikbar peress li hu hareg id-dar. Baqa' bit-tikketta mal-familja tieghi.*

*Kellna kwistjonijiet kontinwi fuq il-fatt li l-konvenut ma kienx jaqbel mal-familja tieghi. Fost ohrajn incident fejn skond hu rbaht internet subscribtion u skond tal-familja fax.*

*Tal-familja qaluli ripettivament sabiex ma nizzewgux izda jien webbist rasi.*

*Fuq din il-kwistjoni ta' internet/fax ghamilli "punishment" u hallieni d-dar u hareg mal-genituri. Fil-fatt hassarna.*

*L-ghada l-missirijiet iltaqaw u ddiskutew il-bicca u finalment irrangaw bejniethom u b'hekk irrangajna ahna. Li kieku ma rrangawx huma probabli konna nibqghu mifrudin.*

*Ahna t-tnejn konna niehdu pariri kontinwi mill-genituri.*

*Il-videos pornografici kollha rajthom fis-sens li kien igeghlni nilbes bhalhom.*

*Konna naraw il-magazines pornografici flimkien u konna naghtu marki lil xulxin u dan kont naghmlu ghax qabbadni hu.*

*Jien ghadni u nibqa' "close" hafna tal-familja tieghi. Jiena z-zghira wara tlett subien.*

*Domna ghaxar xhur nghixu flimkien ta' mizzewgin.*

*Jiena tlaqt mid-dar ghax kien isawwatni. Id-decizjoni hadtha jien u mhux il-familja tieghi kif jghid hu.*

*Jiena qomt darba u cemplitli ommi u staqsietni kif qed inhossni ma Patrick peress li kelli ncident xi granet qabel u kien wiehed fost hafna ncidenti li kelli u dak in-nhar ghedtilhom bihom tal-familja.*

*Hadt id-decizjoni li nitlaq fuq dan is-swat u kellimt lill-ommi, lill-missieri u hija Anthony li qaluli jekk verament ridtx nitlaq u ddecidejt li nitlaq.*

*Jiena rapporti lill-Pulizija m'ghamiltx jew certifikati izda mort il-Blata l-Bajda nitlob l-ghajnuna. Tawni l-179 izda meta Patrick tghani l-ahhar xebgha ma halliniex incempel.*

*Wara li sawwatni l-ahhar darba ghidt lill-ommi b'kollox u hi u missieri marru ghand il-genituri tar-ragel fejn kien hemm hu ukoll kif kien ikun ta' spiss u hemm il-genituri kellmu lil xulxin. Jien ghidt lil genituri tar-ragel li kien isawwatni u hu innega.*

*Missieri qal lill-missieru biex nirrangaw u rrangawna.*

*Nonostante dan tlett ijiem wara ddecidejt li ma nistghax nibqa' nissawwat u wara li cempilt kif spjegajt tlaqt.*

*Gibt truck tal-garr li cempel missieri ghalih u hadli l' affarijiet tieghi.*

*L-ewwel darba li sawwatni kien xi xahar wara li zewwigna.*

*Patrick kien l-ewwel boyfriend serju tieghi.*

*Hu wrieni l-magazines u l-videos u kont qbadtu jimmasturba fuq il-magazine wara z-zwieg.*

*Kieku kont naf li jispicca igieghlni nara l-magazines u l-videos zgur ma kontx nizzewweg.*

*Meta bdejt nohrog mieghu spiccajt bla hbieb ghax inqtajt minn maghhom. Mal-familja kont nohrog biss. Kont immur biss hen's party tax-xoghol. Hu kien joggezzjona ghax hela ta' flus. Kien jikkontrolla anki dawn l-affarijiet.*

*Jiena issa nikkonsidra li kont bela li zzewwigtu ghax kont kwieta u kont naccetta kollox u nispera li jekk nizzewgu jirranga.*

*Mhux vera li jien ma ridtx tfal. Kien hu li ma riedx. Issa l-bambin fil-fatti baghtli tarbija minn persuna ohra li mieghu nifhem x'inhu rispett.*

*Jien tlaqtu finalment minhabba z-zwieg u ma jridx tfal u mill-bidu bil-glied ghax ma jridx tal-familja tieghi d-dar."*

Illi **Joseph Zahra** missier l-attrici xehed li l-attrici kellha 17 meta bdiet tkellem l-konvenut u kienet tifla kwieta u toqghod ghal li tghidilha. Wara li zzewget xorta baqghet tiehu parir min ghandu u l-mara tieghu.

Qabel t-tieg kien hemm incident fejn l-gharrajjes hassru fuq internet u irrangaw wara l-intervent tieghu u ta’ missier il-konvenut.

Wara li izzewgu l-konvenut kien johdilha l-paga u jaghtiha Lm10 biss, dan rah hu b'ghajnejh. Gieli xtralha xi xirja ghax kien izommha nieqsa.

Wara xi sebgha xhur kienet telqet mid-dar wara li hu u l-mara marru ghand il-genituri tal-konvenut biex jippruvaw jirrangawhom.

Kien hallas hu ghat-tieg izda kien spicca jidderigi l-konvenut u jordna f’ismu iktar milli ried jonfoq. Skond hu l-attrici kienet toqghod ghal dak kollu li jghid il-konvenut.

Illi **l-konvenut** xehed permezz ta’ affidavit u *viva voce*:

Illi fl-affidavit xehed kif iltaqa' mal-attrici u li wara perijodu li kienu johorgu ma koppji ohrajn bdew johorgu wahedhom.

Hu kellu problemi mal-familja taghha partikolarment ma missierha ghax kien iqis li jindahal wisq fl-affarijiet ta' bejniethom. In partikolari kien hemm okkazjoni fejn l-attrici rebhet *subscription* ta' *internet* waqt li tal-familja taghha fehmu li rebhet *fax* u li kien ser jaghmel il-flus minn fuqha. Kien inqala inkwiet kbir u kien biss wara l-intervent tal-ġenituri li rrangaw.

Kellu problemi kontinwi maghhom u l-attrici kienet qaltlu li kellu ragun li ma jridx li jmur iktar ghand il-genituri taghha wara li jizzewgu. Hi ukoll kienet herqana biex titlaq mid-dar.

Qal li kienet giddieba u fost l-ohrajn kienet telqet minn mal-Baxter izda qaltlu li keccewha. Hu, fuq parir ta' ommu kien cempel il-fabbrika u sar jaf li fil-fatt telqet. Sar jaf li ma qaltlux ghax bezghet

Kemm ghad-dar kif ukoll ghat-tieg kollox kien f'idejh. Kien hu li qalilha li kien wasal iz-zmien biex jizzewgu u hu ukoll kien jghidilha kif u xiex ser jixtru. Iddecidew qabel iz-zwieg li jkollhom zewgt itfal izda wara iz-zwieg hi ma reditx.

Mhux minnu li wara iz-zwieg kien ikun dejjem ghand ommu. Kien imur jekk xejn waqt li l-attrici qed issajjar. Hu qatt ma refa' jdejh fuqha. Il-*videos* u l-kotba pornografici kienu jarawhom flimkien bi pjacir taghhom it-tnejn. L-attrici kellha access liberu ghall-flus li kellhom id-dar. Meta telqet mid-dar fil-fatt hadet Lm60 mill-Lm120 li kien hemm id-dar.

Fit-tieg bkiet il-hin kollu. Hu kien issuggerixxa li jghixu flimkien bla zwieg izda hi ma reditx.

Fiz-zwieg kienu jargumentaw ta' spiss u hu jmur ghand ommu. Dejjem tibki qisa tifla zghira.

Finalment, iz-zwieg sfaxxa wara argument li kien jinvolvi membri taz-zewg familji, l-iktar l-missirijiet, u l-attrici telqet mid-dar konjugali.

Illi *viva-voce* xehed hekk:-

*"Jien minn dejjem kont nibza' xi naqra miz-zwieg. Fil-fatt ghidtilha xi darbtejn, tlieta npoggu. Jien jidhirli li tara persuna anki tlett sieghat jew anke kull jum differenti milli tqum u torqod maghha. Dan setghat kienet tfajla ohra u kont nahseb l-istess mod. Kif fhimtha jien kienet inkwetata li tispicca fuq ilsien in-nies. Dwar il-finanzi jien kont nigbed iz-zewg pagi w inqassamhom, kienet ittini c-cekk u nqasmu jien. Jien kont nahseb ghall-kontijiet. Jien kont inqassam il-flus. Kollox kien go kexxun u kulhadd jiehu skond il-bzonn. Kollox kien ikun "budgeted" izda jekk kien ikun hemm bzonn iktar niehdu milli jifdal. Ahna qatt ma gejna bzonn in-nies. Qatt ma gabet xejn id-dar. La minghand il-genituri taghha u lanqas minghand tieghi.*

*Jien kont immur ghand ommi kuljum, toqghod pass 'l boghod izda mhux li nqatta s-sieghat. Gieli nofs siegha, gieli aktar. Gieli giet mieghi ukoll. Jien qatt ma hrigt wahdi wara li zzewwigt. Mort biss darbtejn bowling. Li kont immur meta kont gharus. Qed nesibixxi Dok* ***XYZ*** *li kien it-timetable tal-league u fil fatt kienet tigi ta' spiss mieghi.*

*Rita qatt ma qaltli li riedet titlaq lanqas fost il-glied. Filghodu sibt il-hobz u t-te` u gejt lura d-dar vojta u "haduha". Jien nahseb li influwenzawha l-familja taghha li skond li qaluli l-girien kienu gew ghaliha d-dar. Fil-fatt lejliet staqsietni fejn sejrin fil-weekend u sibt ukoll il-lista tax-xiri tal-grocer. B'hekk nahseb li fil-fatt ma kelliex hsieb li titlaq.*

*Dakinhar meta mort id-dar taghhom ma missieri. Missierha biss u huha tkellmu. Hi qadghet fuq wara siekta.*

*Missieri gie mieghi ghax bzajt. Tlajt biex nara x'gara, peress, kif ghidt, ghalija kienet sorpriza kbira."*

Illi in ri-ezami xehed hekk:

*“Waqt li konna gharajjes jien kont inqassam il-flus. Hi ma kienetx kapaci tqassamhom. Mohha ma kienx itiha. Meta darba ghidtilha li ma ridtx inkompli inqassmilha l-flus ommha stess kienet giet issaqsini nerga’ nqassamhom jien. Ma kontx inqassam il-flus quddiem missierha u ommha.*

*Mhux veru li kont nghidilha li mhux lesta ghaz-zwieg, kieku ma kontx nizzewweg. Ma kontx naghmel timetable ghaliha ta’ dak li kellha taghmel id-dar.*

*L-ikliet tax-xoghol kienu jkunu bla partners.*

*Jien qatt ma ghidt lil marti fuq il-partner swopping.”*

Fit-tieni seduta l-konvenut qal:

*“Li jien kont nghid li izzewwigt tifla mhux mara. Fil-fatt dan il-kliem qatt ma ghidtu izda gieli ommi qalet lili fis-sens li kont ser nizzewweg tifla u mhux mara.*

*Il-kotba tax-xjaten li riferiet ghalihom l-attrici kienu fil-fatt, kienu parti minn "role-playing games". Fil-fatt xi whud minnhom kienu minn Advanced Dungeons & Dragons. Jien kelli intenzjoni nikteb kotba tal-biza’ u kont qed nuzhom bhala riferenza. Li kieku veru kienu tax-xjaten kienu jzommuhom id-dwana ghax jien kont insibhom miftuha u mwahhlin bit-tape kannella.*

*Missieri xtara plot u bnieha u hallijielna fit-testiment. Il-post fejn konna noqghodu jien u l-mara ghadu ta’ missieri. Rita saret taf fuq dan waqt l-gherusija.*

*Jiena lir-Rita kont ghidtilha li bix-xieraq li missierha johrog it-tieg la missieri hareg il-post. Giet lura u qaltli li missierha kien ser johrog it-tieg kollu hu.*

*Missierha waqaf mix-xoghol minhabba l-eta` u qalli li trid tohrog tal-videos, ritratti u disco u ma riedx li nonfqu hafna fis-souvenirs u invitations.*

*Meta konna gharajjes kont xtrajtilha lingerie u kienu ghal qalbha u libsithom kemm-il darba waqt li konna mizzewgin. Meta hadet l-affarijiet hadithom, ma halliethomx warajha. Fuq il-films u magazines kienet taf li kienu fil-pussess tieghi anke qabel iz-zwieg."*

Illi **George Xuereb** missier il-konvenut xehed hekk:

*"Jien missier il-konvenut.*

*Patrick izzewweg lil Rita wara xi erba' snin flimkien. Xi sentejn qabel li zzewgu Rita rebhet "internet subscription" u missierha u huha bilfors riedu jghidu li rebhet fax-machine. Fuq din il-kwistjoni wasslu biex jinfirdu.*

*Jien mort ghand missierha z-Zurrieq u fil-fatt kont wasalt fl-istadju li ser nghid lil missierha x'kellha tiehu flus bintu biex jinfirdu. Patrick baqa' fil-karozza u jien kellimt lil missierha u Rita kienet hemm.*

*Ommha ghajtitlu biex jidhol Patrick. Fil-fatt tkellimna biss jien u missierha. Irrangajna ahna peress li kien missierha li ffissa fuq il-fax-machine. Fil-fatt l-gherusija kienet ser titkisser ghax missierha hekk iddecieda.*

*Xi tlett ijiem qabel ma Rita telqet kellhom xi jghidu bhal ma jkollhom il-kopji kollha u gew ommha u missierha d-dar tieghi fejn kien hemm marti u Patrick fuq gewwa. Hi ma gietx maghhom.*

*Missierha qalli li jekk Patrick imxebba minnha jaqbdu u johduha. Ghajjat lit-tifel li nzerta ghandna.*

*Patrick ma tantx tkellem. Jien ma kontx naf li kellhom xi jghidu qabel ma gew id-dar.*

*Patrick u ommha u missierha kienu bit-tikketta mill-bicca tal-fax machine u tkompliet bil-bicca tat-tieg u kemm nefaq jew ma nefaqx. Fil-fatt ma kienx irid imur ghand il-genituri taghha bl-inkwiet li kien inqala'.*

*Patrick qallu bl-inkwiet li semmejt li l-inkwiet ma kienx kbir u missierha baqa' jinsisti li Patrick ma kienx qed jitratta sew lilu u lil martu billi ma kienx qed imur ghandhom u lanqas kien ikun id-dar meta jmorru ghandhom. Din l-aktar li nkwetathom.*

*Jiena gharraftu li fil-fatt lanqas jien ma kont immur ghandhom ta' spiss. Mort darbtejn f' 10 xhur. Qalli u "Dan il-post tieghek" u mar ghal bintu.*

*Meta giet bdew jillitikaw u inkwetaw u qabel ma telqu missierha qalli "jien ghalik biss jiddispjacini". Wara li saret diskussjoni shiha fejn rega' hareg l-inkwiet ta' dejjem. Jien gejt ghall-konkluzjoni li nonostante dak kollu li ntqal, missierha w ommha gew biss ghas-sodisfazzjoni u fil-fatt it-tifel u Rita marru d-dar flimkien qisu ma gara xejn.*

*Fil-fatt nghid li ghalija kienet sorpriza enormi li Rita telqet mid-dar. L-unika raguni li nista' nara hi, li hi dejjem ghamlet li qalilha missierha, fuq il-bicca tal-fax machine, tat-tieg u li ma kienx Patrick imur ghandhom iddecieda li Rita kellha titlaq u hekk ghamlet.*

*Meta mort mat-tifel ghand il-genituri is-Sibt wara li telqet, missierha u huha u ommha kienu hemm, tkellem missierha u hu qalilna li riedet titlaq ghax ilha mxebba u Rita ma qalitx kelma hlief li qalet lit-tifel li mdejqa."*

Illi **Helen Xuereb**, omm il-konvenut, xehdet permezz ta' affidavit u *viva-voce*.

Illi fl-affidavit taghha xehdet kif fl-gherusija, biex jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom il-konvenut kien dejjem jikkonsulta ma nieshom minflok ma jkellem lill-attrici. Rita kienet l-iktar li qed timbotta sabiex jizzewgu. Hi kienet issuggeriet lill-konvenut ihassar it-tieg jumejn qabel imma hu ma riedx ghax kien vicin wisq. Hi kienet tara l-attrici bhala immatura.

Illi *viva voce* xehdet hekk:

*"Jien nigi omm il-konvenut. L-imgieba ta' bejn il-partijiet kienet wahda normali fl-gherusija u glied kien normali, sa fejn naf jien.*

*Ma kienux jiltaqghu t-Tlieta u l-Hamis.*

*Kien inqala' l-glied minhabba missierha. L-ewwel hafna paroli li ser jaghmel it-tieg u wara ma riedx ghax waqaf mix-xoghol. Kien jaf li ser jieqaf mix-xoghol kulhadd jieqaf ta' 61.*

*Rita kienet taghmel li jghidilha missierha. Kienet tobdih.*

*Lil missierha kienet tobdi. Kont narha immatura. Malli tkellimha tibki, it-tfal iz-zghar jibku sa fejn naf jien. Kif tipprova tghallimha tinjorak. Ma ridetx titghallem. Lill-genituri tobdihom.*

*Kullimkien flimkien kienu jmorru jixtru. Kienu jiccajtaw fuq it-tfal. Patrick kien qal li ser ihalliha tahdem sentejn imbghad jaraw.*

*Jiena niftakar xi 4 gimghat qabel it-tieg gew ghandi izda ma indunawx li kont hemm. Smajt lit-tifel isaqsiha taghmillu t-te' u qaltlu le biex jaghmlu hu. Fil-fatt thassibt u ghidt bejni u bejn ruhi "ma tridx issa ahseb u ara wara!".*

*Ghadhom gharajjes u bla pacenzja ahseb u ara wara li jizzewgu u jikbru l-problemi tal-hajja.*

*Jien kont naraha b'lenti ohra minn Patrick. Jien ma kontx naraha lesta ghaz-zwieg. Ma kelliex pacenzja, ma tafx ghalxiex diehla. Ahjar ma zzewgu xejn. Qalbi hebritni. Fil-fatt jumejn qabel iz-zwieg ghidtlu bil-hsibijiet tieghi, hu kien jaraha b'lenti ohra.*

*Kollox missierha u kienet wisq influwenzata minn missierha. Sahansittra riedu johorgu lit-tifel ta' giddieb meta intrebah xi premju.*

*Missierha l-kagun tas-separazzjoni taghhom. Kien ixewwixha u li jghidilha taghmel."*

## (B) LIGI U GURISPRUDENZA:

Illi fic-citazzjoni taghha, l-attrici talbet li z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null *ai termini* tal-**Artikolu 19(1)(d) u 19(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**. Fejn jinghad hekk:

*“19(1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijeit ikun inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;”*

Illi dwar l-ewwel difett li l-attrici qed tikkontendi li kellhom il-partijiet meta ikkontrattaw iz-zwieg, huwa dak li hemm provdut fl-**artikolu 19 (1)(d).**

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f’ dan is-sens “**Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**” – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta’ Mejju, 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b' immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella*

*adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra*

*descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" **(*Viladrich, P.J.,* Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso".* (*op. Cit*., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J.,*** *op. Cit., p. 687*).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni

totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif mgharuf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivamenf eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech" (**P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli*

*jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemporax ruhu ma' xi wahda jew aktar millobbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-*

*"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (*op.cit* p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

### <u>(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi fil-kawza odjerna hareg car in-nuqqas ta' maturita` u konjizzjoni ta' x'ifisser zwieg *da parti* taz-zewg kontendenti Dan hareg l-aktar mir-rabta zejda li wrew it-tnejn mal-familja originali taghhom u in partikolari, il-poter li kienu ihallu li jezercitaw il-missirijiet tat-tnejn fil-konfront taghhom.

Illi hu ovvju li persuna mizzewga jew persuna li qed tipprepara sabiex tizzewweg trid turi rispett kbir lejn il-

genituri taghha, izda dan ma jfissirx li jkun hemm kontroll tal-genituri, jew missirijiet, fuq id-decizzjonjiet ta' bejn l-gharajjes jew mizzewgin. Dan il-kontroll *da parti* tal-familja originali kien manifest fiz-zewg partijiet.

Illi dan il-kontroll hareg car minn qabel iz-zwieg. Fil-fatt iz-zewg incidenti kbar li jsemmu t-tnejn fejn inqala' l-inkwiet ta' bejniethom qabel iz-zwieg kienu nvoluti l-genituri taghhom b'xi mod jew iehor u biex irrangaw qaghdu fuq dak li qalulhom il-genituri w in partikolari il-missirijiet. Fil-fatt meta nfirdu fuq banalita` (*fax/internet*) kien wara sforzi tal-missirijiet li rritornaw flimkien. Fil-fatt l-attrici xehdet li kieku ma nsistewx il-missirijiet huma probabbli kienu jhassru.

Illi jidher car ukoll li meta l-attrici iddecidiet li titlaq mid-dar konjugali dan ghamlitu wara li hadet il-kunsens tal-familja taghha.

Illi l-konvenut ukoll kien mohhu biex imur hdejn ommu meta jigi lura d-dar mix-xoghol. It-tnejn jiehdu pariri kontinwi mill-genituri u jimxu fuq li jghidu il-genituri minflok ma jiddiskutu u jaraw flimkien.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-partijiet f'dan iz-zwieg kellhom difett serju fil-kunsens taghhom konsistenti f'nuqqas ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u dan peress li fil-mument taz-zwieg, u in verita` kemm qabel u kemm wara jidher car li minhabba l-immaturita` li kellhom huma lanqas kienu kompetenti sabiex jifhmu f'hiex tikkonsisti l-hajja taz-zwieg u l-elementi bazici ta' l-istess; fil-fatt agixxew kompletament ta' tfal, li ghalihom iz-zwieg kien biss speci ta' avventura, fejn gew influwenzati wkoll iz-zzejjed mill-genituri rispettivi taghhom, anke biex hadu l-pass li hadu, li fl-ahhar nett ma wassal imkien tant li wara sena u cirka erba' xhur il-partijiet kienu diga sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat 27 t'Ottubru 1999.

Illi mill-provi prodotti jidher ukoll li l-konvenut ma kienx verament interessat fl-attrici u lanqas ikkunsidraha ghal xejn, kien mohhu f'affarijiet frivoli u ma l-ewwel cans li

jkollu kien jispicca ghand il-genituri tieghu. L-ebda sentiment jew emmozzjoni ma gie ndikat minnu fil-konfront tal-attrici, u dan qed jinghad apparti l-fatt li jidher li l-konvenut eskluda wkoll li jkollu wild mill-istess relazzjoni tieghu mal-attrici, bazi minnha nfisha ta' annullament skond l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**.

Illi rigwardanti l-attrici jidher li f'dan il-mument ta' hajjitha hija kienet qed tghix fi stat konfuz ghall-ahhar, tant li hija stess tghid li hija ma tafx ghaliex izzewwget lill-konvenut u probabbilment dan huwa minnu, ghaliex id-decizjoni li hadet kienet sforz l-immaturita` taghha u xi pressjonjiet li saru fuqha – certament sens ta' direzzjoni dwar hajjitha qabel iz-zwieg, l-attrici, mill-provi prodotti ma jidhirx li kellha, u dan juri wkoll li hemm bazi ta' annullament ta' dan iz-zwieg anke *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, l-istess kif jista' jinghad fil-konfront tal-konvenut abbazi ta' dak fuq premess.

Illi ghal dawn il-mottivi it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunjiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-27 ta' Gunju 1998 huwa null u bla effett a tenur tal-**Artikolu 19 (1) (f) u (1) (d) tal-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255)** ghar-ragunijiet imputabbli lill-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------